MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 632/2013

Hamid **RAMI**

vs

**ID-DIRETTUR TAĊ-ĊITTADINANZA U AFFARIJIET TAL-ESPATRIJAZZJONI** u l-Ministru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-28 ta' Ġunju, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-

Qorti (a) ssib li l-egħmil amministrattiv li ma jingħatax iċ-ċittadinanza ta' Malta li huwa talab għaliha u li kellu jedd għaliha bil-liġi tmur kontra l-liġi kif maħsub fl-artikolu 469A(1)(b)(iii) u (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Lulju, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fl-24 ta' Lulju, 2014, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-azzjoni attriċi waqgħet għall-finijiet tal-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 billi għaddew kważi sentejn minn mindu l-attur ressaq it-talba u kważi sentejn minn mindu d-Dipartiment bagħat jgħarrfu li kien irċeviha. Ressqu wkoll eċċezzjonijiet fil-mertu biex jgħidu li t-talba tal-attur ma kenitx mistħoqqa u li l-allegazzjonijiet magħmulin minnu ma kenux minnhom. Żiedu jgħidu li l-artikolu 4 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza (Kap 188) ma jgħoddx għall-każ tal-attur billi t-talba tiegħu biex jingħata ċ-ċittadinanza saret taħt l-artikolu 6 tal-istess Att. Ċaħdu li seħħ xi abbuż ta' poter min-naħa tagħhom jew li mxew miegħu kontra l-liġi. Ċaħdu wkoll l-allegazzjoni tal-attur li huma mxew fuq kunsiderazzjonijiet mhux xierqa jew kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Settembru, 2013[1], li bih ordnat li jkun mistħarreġ qabel kollox is-siwi tal-ewwel eċċezzjoni preliminari dwar jekk l-attur fetaħx il-kawża fiż-żmien lilu mogħti mil-liġi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Novembru, 2013[2], li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

---

[1] Paġġ. 16 tal-proċess
[2] Paġ. 17 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa mill-attur fis-6 ta' Jannar, 2014, bid-dokumenti mehmużin magħha;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv. L-attur jilminta mill-fatt li għalkemm ilu li talab li jingħata ċ-ċittadinanza Maltija, baqa' ma ngħata l-ebda tweġiba, u lanqas meta talab li jsir dan b'ittra uffiċjali. Iqis li n-nuqqas ta' deċiżjoni jiswa daqs ċaħda tat-talba tiegħu u għalhekk jgħid li, ladarba huwa kellu kull jedd li jitlob u li jingħata ċ-ċittadinanza Maltija, dan in-nuqqas tal-imħarrkin huwa egħmil bi ksur tal-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet, fosthom l-eċċezzjoni preliminari li l-attur dam iżżejjed ma fetaħ il-kawża u li laħaq għalaqlu ż-żmien biex jagħmel dan. Fil-mertu laqgħu b'eċċezzjonijiet oħrajn li jmorru lil hinn mill-interess ta' din is-sentenza;

Illi din is-sentenza qiegħda tqis u tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari dwar jekk l-azzjoni attriċi waqgħetx biż-żmien;

Illi mill-<u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attur iżżewweġ ċittadina Maltija fit-3 ta' Marzu, 2004. Fis-6 ta' Marzu, 2009, hekk kif għaddew ħames (5) snin, l-attur ressaq talba mad-Direttur imħarrek biex jingħata ċ-ċittadinanza Maltija bis-saħħa tal-imsemmi żwieġ;

Illi f'Settembru tal-2011[3], qabbad avukat biex tibgħat tistaqsi lid-Direttur imħarrek x'kienet il-pożizzjoni tad-Dipartiment dwar it-talba tiegħu. Tlitt ijiem wara[4], d-Direttur bagħat jgħarrfu li l-ittra kienet waslitlu ("*acknowledgement*"), iżda ma qallu xejn aktar;

---

[3] Dok "MG1", f'paġ. 13 tal-proċess
[4] Dok "MG2", f'paġ. 14 tal-proċess

Illi fit-8 ta’ Jannar tal-2013[5], l-attur bagħat ittra uffiċjali lill-imħarrkin biex jitlobhom jagħtuh tweġiba fl-affermattiv dwar it-talba tiegħu ladarba “għandu l-kwalifiki kollha kif jirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu”. Fid-29 ta’ Mejju, 2013[6], reġa’ bagħat ittra uffiċjali oħra – din id-darba kontra l-Ministru mħarrek – “in vista tat-tibdil fil-Ministeri” u li biha l-interpellazzjoni “hawn taħt deskritta hija l-istess li ntbagħtet permezz ta’ ittra uffiċjali preċedenti qabel tali tibdil” (hawnhekk kien qed jirreferi għall-ittra uffiċjali tat-8 ta’ Jannar, 2013);

Illi l-attur fetaħ din il-kawża fit-28 ta’ Ġunju, 2013;

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet legali dwar l-eċċezzjoni taħt eżami. Kif ingħad, l-eċċezzjoni tgħid li l-attur fetaħ il-kawża wara ż-żmien mogħti lilu mil-liġi;

Illi **dwar l-eċċezzjoni preliminari**, jibda biex jingħad li, għal dak li jirrigwarda azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju, il-liġi hija ċara ħafna li tgħid li ż-żmien imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 jgħodd biss għal meta kawża ta’ stħarriġ ġudizzjarju issir biex twaqqa’ egħmil amministrattiv taħt xi waħda mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 469A(1)(b). Dak iż-żmien ma jgħoddx meta l-kawża tkun mibnija fuq l-artikolu 469A(1)(a). Fil-każ tal-lum, huwa l-attur innifsu li jgħid li l-azzjoni tiegħu tinbena fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b) u, b’żieda ma’ dan, li din l-azzjoni tressqet għaliex l-imħarrkin naqsu li jwieġbu, tajjeb jew ħażin, għat-talba tiegħu. Huwa għalhekk jistrieħ fuq il-kawżali tar-“rifjut preżunt” kif imfissra fil-*proviso* tat-tifsira tal-kliem “egħmil amministrattiv” fl-artikolu 469A(2) tal-istess Kodiċi;

Illi l-imħarrkin jgħidu li l-attur kien messu ilu li ressaq kawża kontrihom kieku tabilħaqq ħass li kellu d-dritt li jisħaq għall-għoti taċ-ċittadinanza għaliex, wara li kien applika fl-2009, baqa’ ma fetaħ l-ebda proċedura wara li

---

[5] Dok f’paġ. 20 tal-proċess
[6] Dok f’paġ. 19 tal-proċess

ma ngħatax dak li ried bis-saħħa tal-ittra tal-avukat tiegħu tal-5 ta' Settembru, 2011. Għalhekk, jgħidu li l-attur messu mexxa bil-kawża sa mhux aktar tard minn Mejju tal-2012 (jiġifieri sa sitt xhur wara li kienu għaddew xahrejn minn mindu ntbagħtet l-ittra tal-avukat tiegħu lid-Direttur imħarrek), filwaqt li din il-kawża nfetħet f'Ġunju tas-sena ta' wara;

Illi huwa llum il-ġurnata stabilit, li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[7]. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-egħmil amministrattiv, ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi;

Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn egħmil amministrattiv issir taf b'dak l-egħmil li jkun. Il-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni[8]: tgħid biss li ż-żmien ta' sitt xhur jibda jgħaddi minn dak inhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-egħmil, liema data tiġi l-ewwel;

Illi huwa stabbilit ukoll li dak iż-żmien jgħodd għal kull xorta ta' egħmil amministrattiv, kemm dak fejn l-awtorita' pubblika tingħata diskrezzjoni u kif ukoll dak fejn ma ngħatat l-ebda diskrezzjoni kif taġixxi fuq talba li ssirilha[9]. Naturalment, dan jgħodd f'dawk il-każijiet fejn l-egħmil amministrattiv ikun attakkat taħt xi waħda mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 469A(1)(b) u mhux ukoll fl-artikolu 469A(1)(a) tal-Kap 12;

Illi fil-każ tal-lum, l-attur baqa' ma ngħadlu qatt xejn dwar it-talba li kien ressaq: la li ntlaqgħet u lanqas li ma kenitx

---

[7] Ara fost l-oħrajn, P.A. RCP **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Żammit vs Awtorita' tal-Ippjanar et*** (mhix pubblikata) ; P.A. RCP **5.4.2001** (in parte) fil-kawża fl-ismijiet ***David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta*** (mhix pubblikata) ; u App. Ċiv. **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Zamboni et noe vs Direttur tal-Kuntratti et*** (Kollez. Vol : **LXXXVI.ii.313**)

[8] Ara P.A. GV **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et***

[9] App. Ċiv. **27.1.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Nikol Borġ vs Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru***

intlaqgħet. Għalhekk, biex jitqies iż-żmien li l-attur kellu disponibbli għalih, wieħed irid jara minn meta jmisshom jintgħadu x-xahrejn li l-artikolu 469A(2) jippreskrivi fil-każ tar-“rifjut preżunt”;

Illi l-għaref difensur tal-attur argumenta li ladarba l-azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju hija kawża kontra l-Gvern, it-tressiq tagħha huwa determinat minn dak li jipprovdi l-artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Huwa jgħid li ladarba dak l-artikolu jiddetermina s-siwi ta’ kawża bħal dik, is-sitt xhur imsemmija fl-artikolu 469A(3) iridu jintgħaddu minn meta jagħlaq iż-żmien imsemmi fl-artikolu 460, u ma jibdiex jgħaddi qabel ma ssir interpellazzjoni ġudizzjarja bħal dik. Dan l-artikolu jagħmilha ċara li l-ebda kawża għal stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-istess Kodiċi (ladarba dik l-azzjoni mhijiex waħda mill-azzjonijiet milquta bl-eċċezzjoni tas-sub-artikolu 2) ma tista’ titressaq jekk kemm-il darba l-parti attriċi ma tkunx, minn tal-anqas għaxart ijiem qabel trid tiftaħ dik il-kawża, innotifikat b’att ġudizzjarju lill-Gvern, lil awtorita’ mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew lil persuna f’kariga pubblika fil-kwalita’ uffiċjali tagħha bil-pretensjoni tagħha;

Illi l-Qorti ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni tal-attur. Hija tal-fehma li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460 u 469A iridu jinqraw flimkien u għandhom effett kumulativ. Dan jgħodd aktar fejn azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju tinbena fuq il-kawżali tar-“rifjut preżunt”, għaliex f’każ bħal dak (aktar milli f’każ fejn ikun hemm rifjut espress ta’ talba) l-interpellazzjoni uffiċjali tkun meħtieġa biex tibda tmexxi l-proċess tal-azzjoni ġudizzjarja. Huma kemm huma odjużi l-privileġġi proċedurali li l-Gvern igawdi fis-sistema proċedurali Malti fil-konfront tal-litigant ordinarju, dawk ir-regoli jridu jitħarsu. Dan jgħodd ukoll għaż-żminijiet jew termini li l-istess regoli jistabilixxu. Għalhekk, ladarba l-artikolu 469A jistabilixxi żminijiet partikolari kemm dwar ir-“rifjut preżunt” u kemm dwar il-ħtieġa li kawża ta’ stħarriġ ġudizzjarju titressaq fiż-żmien, mhux imħolli la lil qorti u lanqas lil xi parti li ġġebbed dawk iż-żminijiet b’mod li ġġib il-liġi fix-xejn;

Illi huwa stabbilit ukoll li biex wieħed jista' jressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, jeħtieġ juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess jew *warrant* li jsiru minn awtorita' pubblika sakemm din id-deċiżjoni, ordni, liċenza, permess jew *warrant* ma ssirx bil-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan dik l-istess awtorita'. Iżda mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorita' pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorita' pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha[10];

Illi filwaqt li ma jistax jingħad li t-tweġiba mibgħuta mid-Direttur imħarrek lill-avukat tal-attur fl-14 ta' Settembru, 2011 (kienet biss "*acknowledgement*" li l-ittra tagħha kienet waslet għandu) kienet tikkostitwixxi "deċiżjoni" 'l hawn jew 'l hinn tat-talba tiegħu li jingħata ċ-ċittadinanza, daqstant ieħor l-attur ma jistax jilminta li nżamm fil-għama biex ifittex id-drittijiet tiegħu. Fl-ewwel lok, huwa l-attur innifsu li jsemmi (fl-ittri uffiċjali li huwa bagħat lill-imħarrkin qabel fetaħ din il-kawża) li bejnu u bejnhom għaddiet "korrispondenza fit-tul imferxa fuq dawn l-aħħar tlett snin". Dan hu fatt li, fil-fehma meqjusa tal-Qorti, jimmilita kontrih għal dak li jirrigwarda ż-żmien meta seta' fetaħ din il-kawża. Fit-tieni lok, azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju għandha għan speċjali u preċiż li tattakka l-imġiba (jew l-ommissjoni) tal-awtorita' pubblika: m'għandhiex l-għan li tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-istess awtorita' bis-setgħat tal-Qorti[11]. F'dan il-każ, il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tordna hi l-għoti ta' ċ-ċittadinanza Maltija lill-attur;

Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tgħid li, mqar jekk l-attur kellu raġun, ma kienx tajjeb li jħalli ż-żmien jgħaddi. Fit-tifsira ta' 'egħmil amministrattiv', il-liġi trid li "*ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabilixxi perijodu li fih awtorita' pubblika teħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorita' u din l-awtorita' tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas*

[10] App. Ċiv. **3.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Jupiter Co. Ltd. Et vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***

[11] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika noe et***

*għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' dik it-tifsira*". Dan ifisser li jekk kemm-il darba kien minnu li d-Direttur imħarrek baqa' ma tax deċiżjoni lill-attur dwar it-talba tiegħu, huwa dejjem seta' fetaħ il-kawża minnufih kif għaddew ix-xahrejn żmien minn dak inhar li l-istess Direttur laqa' għandu l-ittra mibgħuta mill-avukat tiegħu;

Illi, min-naħa l-oħra u għar-raġunijiet li diġa' ssemmew qabel, il-Qorti tħoss li għandha tagħmilha ċara li ma tistax tilqa' l-argument li l-ittra ta' "*acknowledgement*" li tintbagħat minn dipartiment jew awtorita' tal-Gvern liċ-ċittadin tikkostitwixxi t-tagħrifa ta' deċiżjoni li tkun ittieħdet minn dak id-dipartiment jew minn dik l-awtorita' għall-finijiet tal-artikolu 469A(3) tal-Kap 12. Dik it-tagħrifa hija biss sinjal tal-wasla għand l-amministrazzjoni pubblika ta' l-ittra, t-talba jew applikazzjoni li tkun: mhijiex aktar minn riċevuta li sserraħ lil moħħ l-applikant li l-awtorita' qiegħda jew sejra tqis it-talba tiegħu. Din ma tista' qatt titqies bħala deċiżjoni li dwarha jibda għaddej xi terminu kontra l-applikant. Wara kollox, l-imġiba tal-amministrazzjoni pubblika trid tinbena fuq il-"valuri inerenti" statutorji, xejn anqas dak li "jeżerċitaw kull setgħa mogħtija lilhom bil-liġi, u jagħtu servizz lill-pubbliku b'korteżija, malajr u b'imparzjalita'"[12];

Illi, kif sewwa qalet l-għaref difensur tal-imħarrkin waqt it-trattazzjoni tagħha, tħares minn kull fejn tħares lejn il-ġrajja kif seħħew, joħroġ dejjem li l-attur naqas li jressaq il-kawża tiegħu fiż-żmien li tagħti l-liġi. Għalhekk jiġi li tassew laħaq għaddielu ż-żmien imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li fih messu fetaħ din il-kawża;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda ssib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin hija tajba u sejra tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

[12] Art. 4(1)(a) tal-Att tal-2009 dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap 497)

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** u tgħid li l-kawża tal-attur tressqet wara li kien għalaq iż-żmien li fih messha tressqet u b'hekk teħles lill-imħarrkin milli joqogħdu aktar fil-kawża, **bl-ispejjeż** kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------